



European Securities and
Markets Authority

Linji Gwida

dwar il-korp maniġerjali tal-operaturi tas-suq u tal-fornituri ta' servizzi ta' rappurtar ta' data



Werrej

1	Kamp ta' applikazzjoni.....	3
2	Definizzjonijiet	4
3	Għan	5
4	Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar.....	6
4.1	Status tal-linji gwida.....	6
4.2	Rekwiżiti ta' rappurtar.....	6
5	Linji gwida dwar korpi maniġerjali skont l-Artikolu 45(9) u l-Artikolu 65(3) tal-MiFID II.....	6
5.1	Impenn suffiċjenti tal-ħin: ġenerali	6
5.2	Impenn suffiċjenti tal-ħin: kalkolu tan-numru ta' direttorati	8
5.3	Għarfien, ħiliet u esperjenza.....	8
5.4	Onestà u integrità.....	10
5.5	Indipendenza fil-ħsieb	11
5.6	Riżorsi umani u finanzjarji adegwati dovuti għat-trawwim u għat-taħriġ tal-membri tal-korp maniġerjali tal-operaturi tas-suq.....	13
5.7	Diversità	14
5.8	Żamma ta' rekords	15

1 Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, għall-operaturi tas-suq u għall-fornituri ta' servizzi ta' rappurtar tad-data.

Xiex?

2. Il-linji gwida bbażati fuq l-Artikolu 45(9) għall-operaturi tas-suq u l-Artikolu 63(2) għall-fornituri ta' servizzi ta' rappurtar ta' data tad-Direttiva 2014/65/UE (MiFID II)¹ jiċċaraw ir-rekwiżiti li japplikaw għall-membri tal-korpi maniġerjali tal-operaturi tas-suq jew tal-fornituri ta' servizzi ta' rappurtar ta' data. Il-linji gwida bbażati fuq l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 (Regolament tal-ESMA)² jiċċaraw kif għandha tiġi rreġistrata l-informazzjoni mill-operaturi tas-suq jew mill-fornituri ta' servizzi ta' rappurtar ta' data (DRSPs) sabiex jagħmluha disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti għall-eżerċizzju tad-dmirijiet superviżorji tagħhom.

Meta?

3. Dawn il-linji gwida jibdew japplikaw mit-3 ta' Jannar 2018.

¹ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349-496).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

2 Definizzjonijiet

4. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, it-termini użati fil-MiFID II għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

3 Għan

5. L-għan ta' dawn il-linji gwida hu li jiżviluppaw standards komuni li għandhom jitqiesu minn operaturi tas-suq u DRSPs meta jaħtru membri ġodda u jivvalutaw membri attwali tal-korp maniġerjali u li jipprovdu gwida dwar kif l-operaturi tas-suq u d-DRSPs għandhom jirreġistraw l-informazzjoni sabiex jagħmluha disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti għall-eżerċizzju tad-dmirijiet superviżorji tagħhom.

4 Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

4.1 Status tal-linji gwida

6. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 45(9) u l-Artikolu 63(2) tal-MiFID II u linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ESMA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
7. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw magħhom billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom, inkluż fejn ċerti linji gwida partikolari fid-dokument ikunu primarjament indirizzati lill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji.

4.2 Rekwiżiti ta' rappurtar

8. Awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-linji gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk jikkonformawx jew humiex bil-ħsieb li jikkonformaw mal-linji gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mid-data ta' pubblikazzjoni minn ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE fuq smk@esma.europa.eu. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi. Dokument mudell għan-notifiki jinsab fuq is-sit web tal-ESMA.
9. L-operaturi tas-suq u l-fornituri ta' servizzi ta' rappurtar ta' data mhumiex meħtieġa jirrappurtaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

5 Linji gwida dwar korpi maniġerjali skont l-Artikolu 45(9) u l-Artikolu 65(3) tal-MiFID II

5.1 Impenn suffiċjenti tal-ħin: ġenerali

10. L-operaturi tas-suq u d-DRSPs għandu jkollhom politika bil-miktub li tiddeskrivi fid-dettall il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali u li tistabbilixxi ex ante deskrizzjoni komprensiva tax-xogħol u l-impenn antiċipat tal-ħin meħtieġ għal kull pożizzjoni. L-impenn antiċipat tal-ħin għandu jiġi adattat għall-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet filwaqt li b'mod partikolari jqis jekk jirreferix għal pożizzjoni eżekuttiva jew mhux eżekuttiva.
11. Meta persuna tintgħażel biex issir membru tal-korp maniġerjali, l-impenn antiċipat tal-ħin għall-pożizzjoni għandu jiġi rreġistrat bil-miktub, u l-operatur tas-suq jew id-DRSP għandu jirrikjedi lill-membri prospettivi biex jikkonferma bil-miktub li hu jew hi jista'/tista'

jiddedika/tiddedika dak l-ammont ta' ħin għal dak ir-rwol, inkluża l-possibbiltà li jiddedika/tiddedika aktar ħin meta l-operatur tas-suq jew id-DRSP ikun għaddej minn perjodu fejn l-attività tkun żdiedet b'mod partikolari. Il-ħatra effettiva għall-pożizzjoni m'għandhiex isseħħ mingħajr konferma bil-miktub mill-membri prospettivi.

12. Meta persuna tintgħażel biex issir parti mill-korp maniġerjali ta' operatur tas-suq li jkun sinifikanti f'termini tad-daqs tiegħu, l-organizzazzjoni interna u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet tiegħu, din il-persuna għandha tikkonferma bil-miktub li hu/hi jikkonforma/tikkonforma mal-limitazzjonijiet tan-numru ta' direttorati stabbiliti fl-Artikolu 45(2)(a) tal-MiFID II.
13. Il-membri prospettivi għandhom jipprovdu lill-operatur tas-suq jew lid-DRSP informazzjoni li tirrigwarda:
 - a. direttorati f'kumpaniji finanzjarji jew mhux finanzjarji oħra, inkluż meta jaġixxu f'isem persuna ġuridika jew bħala sostitut maħtur minn membru tal-korp maniġerjali biex jattendi l-laqgħat;
 - b. direttorati f'organizzazzjonijiet li ma jsegwux objettivi prinċipalment kummerċjali;
 - c. funzjonijiet u attivitajiet professjonali oħra ġewwa jew barra s-settur finanzjarju rilevanti f'termini tal-impenn tal-ħin; u
 - d. in-natura tar-responsabbiltajiet tiegħu/tagħha taħt kwalunkwe wieħed mill-punti preċedenti.
14. Il-membri tal-korp maniġerjali tal-operaturi tas-suq jew tad-DRSPs għandhom jinnotifikaw lill-operatur tas-suq jew lid-DRSP dwar kwalunkwe bidla materjali fl-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-paragrafu preċedenti.
15. Ir-rekords previsti fit-Taqsima 5.8 ta' dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu aġġornati kull meta membru jinnotifika lill-operatur tas-suq jew lid-DRSP dwar bidla fil-funzjonijiet professjonali esterni tiegħu/tagħha u/jew kull meta tali bidla tiġbed l-attenzjoni tal-operatur tas-suq jew tad-DRSP. Wara dan, l-operatur tas-suq jew id-DRSP għandu jivvaluta mill-ġdid il-kapaċità tal-membri fir-rigward tal-impenn tal-ħin meħtieġ.
16. Il-kumitat ta' nomina (fejn ikun stabbilit) jew il-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jqis l-impenn kumulattiv tal-ħin li l-membri tal-korp maniġerjali juru, permezz tal-attenzenza għal-laqgħat tal-korp maniġerjali bħala wieħed mill-indikaturi tal-impenn tal-ħin.

5.2 Impenn suffiċjenti tal-ħin: kalkolu tan-numru ta' direttorati

17. Meta direttorat fl-istess ħin jinvolvi responsabbiltajiet eżekuttivi u mhux eżekuttivi, id-direttorat għandu jgħodd bħala direttorat eżekuttiv.
18. Fejn diversi direttorati jgħoddu bħala direttorat waħdieni skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 45(2)(a) tal-MiFID II (karigi ta' direttur fl-istess grupp jew f'impriżi fejn l-operatur tas-suq jkollu parteċipazzjoni kwalifikanti), dak id-direttorat uniku għandu jgħodd bħala direttorat eżekuttiv uniku meta jinkludi mill-inqas direttorat eżekuttiv wieħed. Inkella, hu għandu jgħodd bħala direttorat uniku mhux eżekuttiv.
19. Id-direttorati kollha f'impriżi fejn l-operatur tas-suq għandu parteċipazzjoni kwalifikanti jgħoddu bħala direttorat uniku. Dan id-direttorat uniku għandu jiżjed mad-direttorat fl-operatur tas-suq.
20. Id-direttorati kollha f'sussidjarji ġewwa l-istess grupp u d-direttorati fl-operatur tas-suq jgħoddu bħala direttorat uniku.
21. Meta sussidjarji ġewwa l-istess grupp ikollhom parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'impriżi oħra, id-direttorati f'dawk l-impriżi għandhom jingħaddu bħala direttorat separat wieħed. Bħala konsegwenza, id-direttorati fis-sussidjarji u d-direttorati fl-operatur tas-suq għandhom jingħaddu bħala direttorat wieħed u d-direttorati fl-impriżi għandhom jingħaddu bħala direttorat separat ieħor.
22. Id-direttorati f'organizzazzjonijiet li ma jsegwux objettivi prinċipalment kummerċjali m'għandhomx jingħaddu meta jkun qed jiġi kkalkolat in-numru ta' direttorati. Madankollu, tali attivitajiet għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat l-impenn tal-ħin tal-membri kkonċernat.
23. Organizzazzjonijiet li ma jsegwux objettivi prinċipalment kummerċjali jinkludu:
 - a. karitajiet;
 - b. organizzazzjonijiet oħra mingħajr skop ta' qligħ; u
 - c. impriżi stabbiliti għall-għan waħdieni li jiġġestixxu l-interessi ekonomiċi privati tal-membri tal-korp maniġerjali diment li dawn ma jirrikjedux ġestjoni fuq bażi ta' kuljum.

5.3 Għarfien, ħiliet u esperjenza

24. L-operaturi tas-suq u d-DRSPs għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali tagħhom ikollu, kollettivament, il-kompetenza maniġerjali meħtieġa biex iwettaq ir-rwol u d-dmirijiet tiegħu u fehim suffiċjenti tal-attivitajiet tad-ditta u r-riskji li tali attivitajiet jinvolvu skont l-iskala tal-korp maniġerjali. Meta jivvalutaw l-idoneità kollettiva tal-korp maniġerjali, l-operaturi tas-

suq u d-DRSPs għandhom jikkunsidraw mill-inqas l-oqsma ta' għarfien u l-oqsma ta' għarfien espert li ġejjin:

- a. kull waħda mill-attivitajiet materjali tal-operatur tas-suq/tad-DRSP;
 - b. kontabbiltà u rappurtar finanzjarji;
 - c. ippjanar strateġiku;
 - d. ġestjoni tar-riskju;
 - e. konformità u awditjar intern;
 - f. teknoloġija u sigurtà tal-informazzjoni;
 - g. swieq lokali, reġjonali u globali, fejn ikun applikabbli;
 - h. l-ambjent regolatorju; u
 - i. il-ġestjoni ta' gruppi (inter)nazzjonali u riskji relatati mal-istrutturi tal-grupp, fejn ikun applikabbli.
25. Fil-livell individwali, il-membri prospettivi tal-korp maniġerjali għandu jkollhom fehim aġġornat tal-attivitajiet tal-operatur tas-suq jew tad-DRSP u tar-riskji relatati, tal-arranġamenti ta' governanza tal-operatur tas-suq jew tad-DRSP, il-pożizzjoni u r-responsabbiltajiet prospettivi u, fejn ikun applikabbli, l-istruttura tal-grupp f'livell proporzjonat mar-responsabbiltajiet tagħhom. Dan jinkludi fehim xieraq ta' dawk l-oqsma li għalihom membru individwali mhuwiex direttament responsabbli iżda hu kollettivament responsabbli flimkien mal-membri l-oħra tal-korp maniġerjali.
26. Fir-rigward tal-edukazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni lil-livell u l-profil tal-edukazzjoni u jekk din tkunx relatata ma' servizzi jew attivitajiet finanzjarji jew ma' kwalunkwe qasam ta' għarfien rilevanti deskritt hawn fuq (kontabbiltà u rappurtar finanzjarji, ippjanar strateġiku u l-bqija). Għal dan il-għan, l-operaturi tas-suq u d-DRSPs għandhom iqisu kemm l-għarfien teoretiku u l-ħiliet miksuba permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll l-esperjenza Prattika miksuba f'okkupazzjonijiet preċedenti mill-membri prospettivi.
27. Fir-rigward tal-esperjenza Prattika, għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-esperjenza Prattika u professjonali miksuba minn pożizzjoni maniġerjali matul perjodu twil biżżejjed. Pożizzjonijiet għal perjodu qasir jew temporanji jistgħu jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni, iżda normalment mhumiex biżżejjed biex jiġi appoġġjat għarfien espert adegwat.

5.4 Onestà u integrità

28. Meta jkunu qed jivvalutaw l-onestà u l-integrità ta' membru prospettiv tal-korp maniġerjali tagħhom, l-operaturi tas-suq u d-DRSPs għandhom jitolbu u jiċċekkjaw il-preċiżjoni tad-dokumenti stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/571 tat-2 ta' Ġunju 2016 dwar l-awtorizzazzjoni, ir-rekwiżiti organizzazzjonali u l-pubblikazzjoni ta' tranżazzjonijiet għal DRSPs³ u b'mod partikolari għandhom jikkunsidraw jekk il-membri prospettivi kienx:

- a. soġġett għal deċiżjoni negattiva fi kwalunkwe proċediment ta' natura dixxiplinarja mibdi minn awtorità regolatorja jew korp tal-gvern jew huwiex is-suġġett ta' kwalunkwe tali proċediment li mhuwiex konkluż;
- b. kienx soġġett għal sejba ġudizzjarja negattiva fi proċedimenti ċivili quddiem qorti b'rabta mal-forniment ta' servizzi finanzjarji jew ta' data, jew imġiba mhux xierqa jew frodi fil-ġestjoni ta' negozju;
- c. kienx parti minn korp maniġerjali ta' impriża li kienet soġġetta għal deċiżjoni negattiva jew piena minn awtorità regolatorja jew li r-reġistrazzjoni jew l-awtorizzazzjoni tagħha ġiet irtirata minn awtorità regolatorja;
- d. miċħud id-dritt li jwettaq attivitajiet li jirrikjedu reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni minn awtorità regolatorja;
- e. kienx parti minn korp maniġerjali ta' impriża li saret insolventi jew ġiet likwidata filwaqt li l-persuna kienet impjegata mill-impriża jew fi żmien sena wara li l-persuna waqfet milli tkun impjegata mill-impriża;
- f. immultat, sospiż, skwalifikat, jew soġġett għal kwalunkwe sanzjoni oħra b'rabta ma' frodi, miżapproprjazzjoni jew f'konnessjoni mal-forniment ta' servizzi finanzjarji jew ta' data, minn korp professjonali; jew
- g. skwalifikat milli jaġixxi bħala direttur, skwalifikat milli jaġixxi fi kwalunkwe kapaċità maniġerjali, tkeċċiex mill-impjeg jew kariga oħra f'impriża b'konsegwenza ta' mġiba ħażina jew prattika ħażina.

³ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/571 tat-2 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar l-awtorizzazzjoni, ir-rekwiżiti organizzazzjonali u l-pubblikazzjoni ta' tranżazzjonijiet għal fornituri tas-servizzi ta' rapportar tad-data (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 126).

29. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom jirrapportaw minnufih lill-operatur tas-suq jew lid-DRSP kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq għal rivalutazzjoni tal-idoneità tagħhom.
30. Għandhom jitqiesu r-rekords kriminali jew amministrattivi rilevanti miżmuma skont il-liġi nazzjonali, b'kunsiderazzjoni tat-tip ta' kundanna jew akkuża, il-livell tal-appell, il-piena mogħtija, il-fażi tal-proċess ġudizzjarju milfuqa u l-effett ta' kwalunkwe miżura ta' riabilitazzjoni. Għandhom jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ta' sfond, kif ukoll dawk ta' mitigazzjoni u dawk uffiċjali, u s-serjetà ta' kwalunkwe reat jew azzjoni amministrattiva jew superviżorja rilevanti, il-perjodu ta' żmien u l-imġiba tal-membru wara r-reat jew l-azzjoni amministrattiva jew superviżorja u r-rilevanza tar-reat jew l-azzjoni amministrattiva jew superviżorja għar-rwol.

5.5 Indipendenza fil-ħsieb

31. Il-membri jew il-membri prospettivi ta' korp maniġerjali ta' operatur tas-suq/tad-DRSP għandhom jidentifikaw u jirrapportaw lill-korp maniġerjali kwalunkwe ċirkostanza li tista' twassal għal kunflitti ta' interess li jistgħu jxekklu l-kapaċità tagħhom li jwettqu d-dmirijiet tagħhom b'mod indipendenti u oġġettiv u li jeżerċitaw influwenza mhux xierqa fuqhom minħabba:
 - a. relazzjonijiet personali, professjonali jew ekonomiċi ma' persuni oħra (bħal partijiet ikkonċernati tal-operatur tas-suq jew tad-DRSP ikkonċernat jew ma' operatur tas-suq jew DRSP li jkun qed jikkompeti);
 - b. pożizzjonijiet tal-passat jew tal-preżent okkupati;
 - c. relazzjonijiet personali, professjonali jew ekonomiċi ma' membri oħra tal-korp maniġerjali jew tal-maniġment superjuri (jew ma' entitajiet oħra fil-grupp);
 - d. interessi ekonomiċi oħra (eż. self lill-kumpanija tal-membru jew tal-membru prospettiv); jew
 - e. interessi oħra, inkluż interess familjari, li jistgħu joħolqu kunflitti ta' interess reali.
32. L-identifikazzjoni taċ-ċirkostanzi li jistgħu jagħtu lok għall-kunflitti ta' interess deskritti fil-paragrafu preċedenti għandha mill-inqas tkopri jekk il-membru jew il-membru prospettiv:
 - a. huwiex jew kienx parti kkonċernata li l-parteċipazzjoni tiegħu tilħaq jew taqbeż il-5% tad-drittijiet tal-vot ta' operatur tas-suq jew DRSP jew uffiċjal ta', jew inkella li jkun direttament assoċjat ma', parti kkonċernata li l-parteċipazzjoni tagħha tilħaq jew taqbeż il-5 % tad-drittijiet tal-vot ta' operatur tas-suq jew DRSP;

- b. huwiex impjegat, jew jekk fl-aħħar 18-il xahar kienx impjegat f'kapaċità eżekuttiva minn operatur tas-suq/DRSP jew entità oħra ta' grupp ta' operatur tas-suq/tad-DRSP;
 - c. huwiex jew, fl-aħħar 18-il xahar, kienx prinċipal ta' konsulent professjonali materjali jew konsulent materjali għal operatur tas-suq jew DRSP jew entità oħra ta' grupp ta' operatur tas-suq jew DRSP, jew impjegat materjalment assoċjat mas-servizz ipprovdut;
 - d. għall-korp maniġerjali tal-operaturi tas-suq huwiex jew, fl-aħħar 18-il xahar, kienx parti kkonċernata li l-parteciġazzjoni tagħha tilħaq jew taqbeż il-5 % tad-drittijiet tal-vot jew membri tal-korp maniġerjali jew ta' kumpanija elenkata f'dak is-suq;
 - e. huwiex jew kienx fornitur jew klijent materjali ta' operatur tas-suq jew DRSP jew entità oħra ta' grupp ta' operatur tas-suq/DRSP, jew uffiċjal ta' jew b'xi mod assoċjat direttament jew indirettament ma' fornitur jew klijent materjali; u
 - f. għandux jew kellux kwalunkwe relazzjoni kuntrattwali materjali oħra ma' operatur tas-suq/DRSP jew entità oħra ta' grupp ta' operatur tas-suq jew ta' DRSP minbarra bħala membru tal-korp maniġerjali.
33. Ir-referenzi fil-paragrafu preċedenti għal "operatur tas-suq jew DRSP" jinkludu kemm l-operatur tas-suq jew id-DRSP li l-persuna hi membru jew membru prospettiv tiegħu kif ukoll operatur tas-suq jew DRSP li jkun qed jikkompeti.
34. L-eżistenza ta' ċirkostanza li tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interess ma tipprekludix awtomatikament lil membru jew lil membru prospettiv milli jkun parti mill-korp maniġerjali ta' operatur tas-suq jew DRSP. Qabel il-ħatra l-operatur tas-suq/id-DRSP għandu jivvaluta kwalunkwe ċirkostanza li tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interess jew kunflitti ta' interess reali, b'mod partikolari permezz tal-politika tal-kunflitti ta' interess tal-korp maniġerjali deskritta hawn fuq u għandhom jiddeċiedu, fejn ikun xieraq, dwar miżuri ta' mitigazzjoni. Wara l-ħatra, kwalunkwe ċirkostanza ġdida li tista' tagħti lok għal kunflitt ta' interess jew kunflitti ta' interess reali ġdid għandha tiġi żvelata u l-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu approvati mill-korp maniġerjali.
35. Il-korp maniġerjali tal-operaturi tas-suq jew tad-DRSPs għandu jkollu politika tal-kunflitti ta' interess formali bil-miktub u proċess ta' konformità mal-oġettivi biex tiġi implimentata l-politika. Il-politika tal-inqas għandha tinkludi:
- a. id-dmir ta' membru li, sa fejn ikun possibbli, jevita attivitajiet possibbli li jistgħu joħolqu kunflitti ta' interess;
 - b. eżempji ta' fejn jistgħu jinħolqu kunflitti meta wieħed iservi bħala membru tal-korp maniġerjali;

- c. proċess ta' rieżami jew approvazzjoni rigoruż li l-membri għandhom isegwu qabel jidħlu f'ċerti attivitajiet (bħal jaħdmu f'korp maniġerjali ieħor) sabiex jiżguraw li dik l-attività mhix ser toħloq kunflitt ta' interess;
 - d. id-dmir ta' membru li jiżvela fil-pront kwalunkwe kwistjoni li tista' tirriżulta, jew li diġà rriżultat, f'kunflitt ta' interess, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari ċ-ċirkostanzi deskritti hawn fuq;
 - e. id-dmir ta' membru li jastjeni milli jivvota dwar kwalunkwe kwistjoni fejn il-membri jista' jkollu kunflitt ta' interess jew fejn l-oġġettività jew il-kapaċità li l-membri jissodisfa d-dmirijiet tiegħu lejn l-operatur tas-suq/id-DRSP kif suppost tista' b'xi mod tiġi kompromessa;
 - f. proċeduri adegwati għal tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati sabiex dawn isiru fuq bażi ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta; u,
 - g. il-mod li bih il-korp maniġerjali ser jindirizza kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-politika.
36. Il-korp maniġerjali għandu jiżgura li l-politiki dwar kunflitti ta' interess tal-operatur tas-suq u tad-DRSP jiġu żvelati għall-pubbliku. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiġu notifikati dwar kwalunkwe kunflitt ta' interess materjali identifikat u dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni li jkunu ttieħdu mill-korp maniġerjali.

5.6 Riżorsi umani u finanzjarji adegwati dovuti għat-trawwim u għat-taħriġ tal-membri tal-korp maniġerjali tal-operaturi tas-suq

37. Il-membri individwali tal-korp maniġerjali tal-operaturi tas-suq għandhom ikunu u jibqgħu adattati, inkluż permezz ta' taħriġ, għall-pożizzjoni tagħhom. L-operaturi tas-suq għandhom jistabbilixxu politika għat-trawwim tal-membri tal-korp maniġerjali tagħhom. L-operaturi tas-suq għandhom jiffaċilitaw iż-żamma tal-fehim tal-membri tal-attivitajiet, l-istruttura, il-mudell tan-negozju, il-profil tar-riskju, l-ambjent regolatorju u l-arranġamenti ta' governanza tal-operatur tas-suq u tar-rwol tal-membri fihom. L-operaturi tas-suq għandhom jipprovdu wkoll programmi ta' taħriġ ġenerali rilevanti u, kif ikun xieraq, imfassla individwalment sabiex jiżguraw li l-membri kollha jinżammu aġġornati. Il-politika ta' taħriġ għandha tippromwovi wkoll is-sensibilizzazzjoni rigward id-diversità fil-korp maniġerjali.
38. Il-politika ta' taħriġ għandha tiġi adottata mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu. Il-korp maniġerjali għandu jinvolti lill-kumitat ta' nomina jekk dan ikun stabbilit.
39. Il-politika ta' taħriġ għandha tistabbilixxi:

- a. L-objettivi tat-trawwim u tat-taħriġ għall-korp maniġerjali b'mod separat għall-funzjoni ta' ġestjoni u għall-funzjoni superviżorja u, fejn ikun xieraq, pożizzjonijiet speċifiċi skont ir-responsabbiltajiet speċifiċi u l-involvement tagħhom fil-kumitati;
 - b. ir-responsabbiltajiet għall-iżvilupp ta' programm ta' taħriġ dettaljat;
 - c. ir-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli sabiex jiġi żgurat li t-trawwim u t-taħriġ ikunu jistgħu jiġu pprovduti f'konformità mal-politika; u
 - d. proċess ċar biex kwalunkwe membru tal-korp maniġerjali jittlob trawwim jew taħriġ.
40. Il-programmi tal-politika u ta' taħriġ għandhom jinżammu aġġornati, u għandhom jikkunsidraw bidliet fil-governanza, l-istrateġija, il-prodotti koperti u proċessi rilevanti oħra, kif ukoll bidliet fil-leġiżlazzjoni applikabbli u fl-iżviluppi tas-suq.
41. L-operaturi tas-suq għandhom jużaw proċessi ta' evalwazzjoni biex jirrieżaminaw l-effikaċja tat-taħriġ li jingħata.

5.7 Diversità

42. F'konformità man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attività tagħhom, l-operaturi tas-suq għandhom jistabbilixxu politika ta' reklutaġġ u ta' diversità sabiex jiżguraw li jitqies sett wiesa' ta' kwalitajiet u kompetenzi meta jkunu qed jiġu rekrutati membri tal-korp maniġerjali. Għal dak il-għan, għandhom jiġu stabbiliti objettivi konkreti f'termini ta' diversità.
43. L-operaturi tas-suq għandhom jistabbilixxu mira għar-rappreżentazzjoni tal-ġeneru mhux rappreżentat biżżejjed.
44. Il-politika ta' reklutaġġ u ta' diversità tal-inqas għandha tirreferi għall-isfond edukattiv u professjonali, is-sess, l-età u l-provenjenza ġeografika bl-għan li jinkisbu varjetà ta' fehmiet u esperjenzi. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali, il-politika ta' diversità għandha tagħti referenza għall-provenjenza ġeografika f'każ li l-operatur tas-suq jopera f'aktar minn ġurisdizzjoni waħda.
45. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali, il-politika ta' reklutaġġ u ta' diversità tista' tipprevedi rappreżentanza tal-impjegati fil-korp maniġerjali sabiex tiżdied perspettiva differenti u jiżdiedu għarfien u esperjenza ġenwini tal-attivitajiet li jitwettqu mill-operatur tas-suq.
46. Il-proċeduri tal-għażla tal-operaturi tas-suq għandhom jiżguraw li l-kandidati li tqiegħdu fil-lista mqassra sabiex isiru membri tal-korpi maniġerjali tagħhom mill-inqas ikopru waħda mill-oqsma ta' diversità deskritti hawn fuq li bħalissa mhumiex preżenti fil-korp maniġerjali.

L-operaturi tas-suq m'għandhomx jirreklutaw membri tal-korp maniġerjali bl-għan waħdieni li jżidu d-diversità għad-detriment tal-funzjonament u l-idoneità tal-korp maniġerjali kollettivament, jew għad-detriment tal-idoneità tal-membri individwali tal-korp maniġerjali.

47. Id-DRSPs jistgħu japplikaw il-Linji Gwida ta' hawn fuq dwar id-diversità b'mod partikolari fejn in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom u d-daqs tal-korp maniġerjali tagħhom ikunu jistgħu jitqabblu ma' dawk ta' operatur tas-suq.

5.8 Żamma ta' rekords

48. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli, l-operaturi tas-suq u d-DRSPs għandhom jirreġistraw u jżommu għal mill-inqas ħames snin f'mezz li jservi għal żmien twil u jagħmlu disponibbli fuq talba tal-awtorità nazzjonali kompetenti mill-inqas dawn li ġejjin:
- a. il-politika bil-miktub li tiddeskrivi l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-funzjoni ta' ġestjoni;
 - b. konferma bil-miktub mill-membru prospettiv tal-kapaċità tiegħu/tagħha li jissodisfa/tissodisfa r-rekwiżiti tal-pożizzjoni;
 - c. informazzjoni pprovduta mill-membru jew mill-membru prospettiv tal-korp maniġerjali li tirrigwarda direttorati, funzjonijiet jew attivitajiet professjonali oħra li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tiegħu/tagħha biex jiddedika/tiddedika biżżejjed ħin lill-korp maniġerjali;
 - d. informazzjoni pprovduta mill-membru jew mill-membru prospettiv tal-korp maniġerjali li tirrigwarda l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza tiegħu/tagħha;
 - e. valutazzjoni li tirrigwarda l-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza kollettivi tal-korp maniġerjali;
 - f. rekords ipprovduti jew li jinkisbu fir-rigward tal-valutazzjoni tal-onestà u l-integrità tal-membru jew tal-membru prospettiv tal-korp maniġerjali;
 - g. rekords ipprovduti jew li jinkisbu fir-rigward tal-valutazzjoni tal-indipendenza fil-ħsieb tal-membru jew tal-membru prospettiv tal-korp maniġerjali;
 - h. politika tal-kunflitti ta' interess u proċess ta' konformità rilevanti bil-miktub biex tiġi implimentata l-politika;

- i. żvelar pubbliku u/jew informazzjoni lis-superviżuri ta' politiki dwar kunflitti ta' interess u kunflitti ta' interess materjali;
- j. politika tal-operaturi tas-suq dwar it-trawwim u t-taħriġ tal-membri tal-korp maniġerjali;
- k. politika ta' reklutaġġ u ta' diversità; u
- l. rekords tal-proċeduri tal-għażla marbuta mar-rekwiżiti inklużi f'dawn il-Linji Gwida.